MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 457/2004

**Dr. Italo Ellul bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Travco Travel Company of Egypt S.A.E.**

**Vs**

**United Ferries Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine ippremettew illi Dr. Italo Ellul gie appuntat bhala mandatarju specjali f'isem is-socjeta' estera *Travco Travel Company of Egypt S.A.E.* u dan skond prokura datata 3 ta' Gunju, 2004, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Ippremettew illi s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lill-attur *nomine* l-ammont ta’ US$ 222,620.06 rapprezentanti *cash advance* maghmul mill-attur *nomine* lis-socjeta’ konvenuta u flejjes ohra mhallsa mill-attur *nomine* a beneficcju u fuq talba tal-istess socjeta’ konvenuta u kif ukoll in resi mill-attur *nomine* lis-socjeta’ konvenuta u dana skond fatturi hawn annessi komplessivament bhala Dok B;

Ippremettew illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u li ghalaq skond il-ligi u ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta’ xi fatt;

Ippremettew illi s-socjeta’ konvenuta *nonostante* li giet interpellata diversi drabi kemm bil-miktub (Dok C) u kif ukoll verbalment, sabiex thallas dan id-dejn, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ippremettew illi l-attur *nomine* jaf li s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi x’taghti kontra din it-talba;

Talbu lis-socjeta’ konvenuta il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, m’ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna;

1. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta *United Ferries Limited* debitrici favur l-attur *nomine* fis-somma ekwivalenti f’Liri Maltin ta’ US$ 222,620.06 fid-data tas-sentenza kif fuq inghad;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta *United Ferries Limited* thallas lill-attur *nomine* s-somma ekwivalenti f’Liri Maltin ta’ US$ 222,620.06 fid-data tas-sentenza;

Bl-ispejjez inkluz tal-Mandati ta’ Sekwestru numru 1127/04, Qbid numru 1126/04 u Impediment ta’ tluq ta’ bastiment numru 1128/04 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur nomine;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur nomine*;*

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur *nomine* kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta, u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur *nomine* is-somma ta’ Lm77,028.50, l-ekwivalenti fi flus Maltin tas-somma mitluba fic-citazzjoni skond rata tal-kambju ta’ illum (li hi 2.8901).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------